ITTRA LIL-ONOREVOLI PRIM MINISTRU DWAR L-AMBJENT

Għażiż Prim Ministru,

Tul ħamsin sena ta' ħidma fil-protezzjoni tal-ambjent u l-wirt storiku ta' Malta din hi l-ewwel darba li sitt Presidenti ta' *Din l-Art Ħelwa* ħassew il-bżonn li jiktbu ittra flimkien biex jesprimu l-inkwiet kbir tagħhom dwar l-istat preżenti tal-ambjent u dwar il-proposti tal-Gvern għall-futur. L-użu tal-art hi l-iktar problema urġenti marbuta ma' l-ambjent. Huwa essenzjali li jkun hemm ippjannar xieraq, iżda l-azzjonijiet li ttieħdu biex jiġi salvagwardjat l-ambjent bejn l-1992 u l-2012 qiegħdin jiġu mneħħija mingħajr ma wieħed jara l-effetti fit-tul fuq il-pajsaġġ Malti li qed jiġi attakkat. L-ambjent tagħna jinsab tassew fil-periklu.

Il-Pjan Nazzjonali ta' Struttura, li fuqu jiġi bbażat il-ħarsien tal-ambjent mibni u naturali tal-pajjiż, ilu żmien twil biex jiġġedded. Iktar minn sentejn ilu sar studju biex fl-aħħar ġie ppublikat is- "Strategic Plan for the Environment and Development" – dan id-dokument kellu jkun il-bidu ta' pjan sħiħ li kellu jinkludi dettalji speċifiċi dwar l-użu ta' l-art f'Malta.

Pjan strateġiku ċar u li jinkludi kollox huwa kruċjali sabiex jiġi protett l-użu ta' l-art fil-futur ta' dan il-pajjiż. Minflok ma sar dan, il-Gvern reġa tenna l-istess objettivi msemmijin fl-istudju li sar sentejn ilu mingħajr ebda dettalji, liema dettalji huwa essenzjali li jiġu nklużi f'dan it-tip ta' pjan strateġiku sabiex dan ikun tassew effettiv. Malta tħalliet minghajr pjan amministrattiv għall-futur tal-bini u l-ambjent, b'riżultat li jista' jsir aktar abbuż.

Pjan importanti bħal dan, li jwassal għal bidla mportanti fl-ambjent u li jkollu effett fuq l-ekonomija u l-aspett soċjali tal-pajjiż, għandu jiġi diskuss u approvat mill-Parlament. Minflok il-Gvern irid ibiddel il-liġi sabiex il-Ministru jkun jista' japprovah waħdu mingħajr skrutinju mill-Parlament. Għalhekk dan joħodna pass lura kif ukoll imur direttament kontra l-wegħda ta' trasparenza u responsabilta` li l-Gvern tant sostna fuqu meta ġie elett.

Barra minn dan hemm numru ta' deċisjonijiet unilaterali marbuta mal-ambjent li jħassbuna. Il-Politika Rurali, li suppost tagħti direzzjoni ġdida, ġiet approvata mill-Gvern mingħajr riferenza għall-Pjan Strateġiku u mingħajr ma saru l-istudji fuq l-impatt ambjentali kif inhu mitlub mill-Ewropa. Dan jista' jwassal għal aktar spekulazzjoni fil-kampanja u postijiet fejn mhux permess żvilupp. Il-politika ġdida dwar bini għoli propost fl-Mrieħel giet applikata meta lanqas kien inkluz fil-fażi ta' konsultazzjoni pubblika. Saru sejħiet biex isiru proposti għal reklamar ta' art għall-bini mingħajr Pjan Ambjentali Marittimu.

Aħna, f'isem *Din l-Art Ħelwa* li ilha ħamsin sena taħdem sabiex tipproteġi l-ambjent, nagħmlu din it-talba lilek bħala Prim Ministru biex tassigura li l-gvern tiegħek jibqa' mfakkar għall-progress li sar f'dan il-pajjiż u mhux għad-degradazzjoni kontinwa tal-ambjent tieghu.

Dejjem tiegħek,